# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum l-Erbgħa 10 t' April, 2024

**Rikors Ġuramentat Nru.: 821/2018 MH**

**Numru:**

**Princess Holdings Limited (C-72528)**

**vs**

**Charlene Victoria Mula**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi tas-6 t' Awwissu 2018** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub -

1. *Illi b'kuntratt datat 25 ta' April 2018 (hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dok A****) il-konvenuta xtrat permezz ta' kuntratt ta' hire and purchase ("il-Kuntratt") il-vettura Kia Picanto bic-Chassis number* MALBA51CMDM505013 *targata LQZ 623 (hawn aktar il-quddiem bhala "il-Vettura");*

2. *Illi skond l-istess Kuntratt il-konvenuta kienet ftiehmet illi thallas it-total ta' Sittax il-Elf u Hames Mitt Ewro (€16,500) b'pagamenti mensili ta' Mitejn u Hamsa u Sebghin Ewro (€275.00) fix-xahar u dan fuq medda ta' erba' (4) snin u hdax (11) il-xahar (vide Klawsola 2.2.4 tal-Kuntratt kif ukoll il-Payment Schedule annessa). Illi inoltre il-konvenuta iffirmat sittin (60) kambjala ta' Mitejn u Hamsa u Sebghin Ewro (€275.00) (hawn annessi u mmarkati bhala* **Dok B***);*

3. *Illi l-konvenuta ghamlet pagament wahdani ta' Mitejn u Hamsa u Sebghin Ewro (€275.00) fil-25 ta' April 2018 u naqset milli thallas il-pagamenti dovuti ghax-xhur sussegwenti ta' Mejju, Gunju u Lulju 2018 u ghaldaqstant iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu tal-hlas tal-prezz;*

4. *Illi skond il-Klawsola 7.1.1 tal-Kuntratt: "Default in the punctual payment of any three (3) installments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment, the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses"*

5. *Illi inoltre skond il-Klawsola 7.2 tal-Kuntratt: "The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with Clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor*

*Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with period of use…."*

6. *Illi stante l-inadempjenza tal-konvenuta, is-socjeta' rikorrenti gabret il-Vettura kif ghandha d-dritt illi taghmel skond il-Kuntratt, fejn il-konvenuta qieghda tirrifjuta illi tikkonsenja ic-cwievet tal-istess Vettura;*

7. *Illi inoltre skond il-Klawsola 7.1.2 tal-Kuntratt: "the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses…"*

8. *Ghalhekk sal-llum il-bilanc dovut, oltre spejjez inkorsi fit-towing tal-Vettura, hu dak ta' Sittax il-Elf Tlett Mija u Hamsa u Sebghin Ewro (€16, 375);*

*Ghaldaqstant titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuta kisret l-kuntratt ta' hire and purchase datat 2018 bejn il-partijiet (Dok A);*

2. *Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' hire and bejn il-partijiet (Dok A) il-konvenuta iddekadiet mill-beneficcju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura Kia Picanto bic-Chassis number <u>MALBA51CMDM505013</u> targata LQZ 623;*

3. *Tiddikjara li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' Sittax il-Elf Tlett Mija u Hamsa u Sebghin Ewro (€16, 375) rappresentanti bilanc dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tal-25 ta' April 2018 (Dok A) u spejjez inkorsi f'towing tal-vettura Kia Picanto bic-Chassis number* *MALBA51CMDM505013* *targata LQZ 623 skond l-istess Ftehim;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuta biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' Sittax il-Elf Tlett Mija u Hamsa u Sebghin Ewro (€16, 375);*

5. *Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura Kia Picanto bic-Chassis number* *MALBA51CMDM505013* *targata LQZ 623;*

6. *Tordna lill-konvenuta sabiex fiz-zmien qasir u perentorju tikkonsenja kull cavetta illi ghandha tal-vettura Kia Picanto bic-Chassis number* *MALBA51CMDM505013* *targata LQZ 623;*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenuta illi hija min issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta tal-1 t' Ottubru 2018** li permezz tagħha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju ghas-segwenti, l-azzjoni tal-kumpanija attrici hija wahda li tikser id-drittijiet ta' l-esponenti ghaliex*

*bhala stat ta' fatt il-pretensonijiet u t-talbiet ta' l-imsemmija kumpanija huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti in toto kif ser jigi rilevat, u dan ghaliex jezistu numru ta' irregolaritajiet fl-iskrittura minnha ffirmata b'nuqqas ta' buona fede fil-konfront taghha u ksur tad-drittijiet, li tali drittijiet stess huma bazilari u li ghandhom jigu, protetti f'negozju ta' dan it-tip fil-konfront tal-esponenti stess qua konsumatur wkoll kemm taht il-protezzjoni specjali tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u kemm fid-dawl tal-Ligi Civili nostrana, u li minhabba fihom, l-esponenti qieghda ikun ingustament u abbuzivament interpellata sabiex thallas dan l-ammont;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, u fit-tieni lok, ghalkemm bejn il-partijiet saret skrittura privata, din hija wahda invalida fil-fatt u fid-dritt, ghaliex 1-iktar haga fundamentali bejn iz-zewg partijiet kienet nieqsa fil-principju, u din kienet l-intenzjoni komuni li permezz taghha skritturi privati ta' dan it-tip jakkwistaw il-validita' legali u per konsegwenza l-inforzabilita' taghhom ukoll. Dan ghaliex fil-qasam legali u guridiku tali skrittura kienet wahda dghajfa mill-bidu sal-ahhar ghaliex, u dan skond kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri, is-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak illi kellhom fi hsiebijiethom il-partijiet. Illi jigi rilevat illi ghandha tipprevali l-intenzjoni tal-partijiet ghaliex "non mens verba sed verba menti servire derbent" kif ben stabbilit fil-gurisprudenza nosfrana fil-kawza Camenzuli et vs. Refalo et. fost ohrajn;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrileva u ticcara illi fuq il-principju ta' buona fede fl-ebda okkazjoni qatt ma' gie spjegat lilha, dikjarat lilha, u/jew b'xi mod moqri lilha, il-kontenut tal-iskrittura privata li huma ffirmaw ghaliha, u ghalhekk jirrizulta b'mod car hafna illi fid-dawl tac-cirkustanzi partikolari ta' dan il-kaz, dan sar purament b'mod abbuziv, b'mod hazin u ghal kollox kontra l-volonta' tal-esponenti li giet ingannata*

*f'dak li inkonsapevolment ffirmat ghaliha fl-iskrittura bi ksur tad-drittijiet taghha bhala konsumatur wkoll kemm taht il-protezzjoni specjali tal-Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta, u kemm fid-dawl tal-Ligi Civili nosfrana;*

4. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrileva illi t-talbiet hekk kif dedotti mis-socjeta' rikorrenti fil-konfront taghha huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u dan anke in vista illi llum il-gurnata l-istess vettura tal-ghamla Kia Picanto tinstab fil-pussess tal-istess socjeta' rikorrenti;*

5. *Illi ghalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' rikorrenti;*

6. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat li l-konvenuta naqset milli tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha minkejja li kellha l-opportunita' li tagħmel dan.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna s-soċjeta` attriċi qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' €16,375 rappreżentanti bilanċ dovut fuq il-prezz ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ 623 skont il-*hire and purchase agreement* tal-25 t'April 2018 kif ukoll għal spejjeż inkorsi fit-towing tal-istess vettura.

Minn naħa tagħha l-konvenuta tirrespinġi dawn il-pretensjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sintetikament mill-atti jirriżulta li –

1. Permezz ta' ftehim ta' *Hire & Purchase* datat 25 t'April 2018 il-konvenuta daħlet fi ftehim mas-soċjeta' attriċi sabiex tixtri vettura Kia Picanto bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ 623 u bic-Chassis number MALBA51CMDM505013[1];

2. Għal kull buon fini, għalkemm il-kopja ta' dan il-ftehim esebita in atti tidher li ġiet iffirmata biss mill-konvenuta, fl-ebda stadju tal-kawża ma ġie kontestat il-fatt li dan kien il-ftehim konkluż bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta;

3. Fost it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim kien hemm qbil li l-prezz tal-vettura kien ta' €16,500 li kellhom jitħallsu f'pagamenti mensili ta' €275 -il wieħed permezz ta' 60 kambjala mill-25 t'April 2018 sal-25 ta' Marzu 2023[2]. Il-konvenuta ffirmat mhux biss kull wieħed mill-kambjala iżda wkoll il-*payment schedule*[3];

---

[1] Fol 7 et seq
[2] Fol 15 et seq
[3] Fol 13

4. Impjegati tas-soċjeta' attriċi xehdu li meta l-konvenuta ffirmat il-ftehim tal-25 t'April 2018 hija kienet kuntenta bil-vettura u bil-ftehim dwar il-pagamenti[4];

5. Effettivament il-konvenuta għamlet pagament wieħed biss ta' €275 fil-25 t'April 2018 flimkien mas-somma ta' €365 għall-insurance[5]. Ebda pagament ieħor ma sar minnha b'rabta ma' dan il-ftehim ta' *Hire & Purchase*;

6. Christian Borg, direttur tas-soċjeta' attriċi, xehed li wara li ċemplu lill-konvenuta diversi drabi sabiex teffetwa l-ħlas skont il-kuntratt, din baqgħet ma ħallsitx u allura, ai termini tal-ftehim imsemmi, il-vettura nġabret lura[6]. Skont ix-xhud, kien ħu l-konvenuta stess li verbalment qal lir-rappreżentanti tal-call-centre tas-soċjeta' attriċi biex imorru jiġbru l-vettura għax oħtu ma tridhiex[7];

7. Fl-affidavit tiegħu Borg kien xehed li wara li ġew intavolati l-proċeduri odjerni, s-soċjeta' attriċi biegħet il-vettura lil terzi persuni għall-prezz ta' €5,500 u li għalhekk ai termini tal-ftehim stess, qed jintalab il-bilanċ rimanenti u ċioe' s-somma ta' €10,875[8]. Madankollu fix-xhieda tiegħu viva voce huwa rrettifika din il-parti tax-xhieda u qal hekk *"Aħna naqqasna l-valur b'xi €5,000 jew b'€6,000 biex jiġi rriflettat (sic rifless) mal-valur biex inbiegħuha dakinhar imma qatt ma seħħet il-bejgħ tagħha, it never went through, u l-karozza għadha fil-pussess tagħna[9]."* Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-soċjeta' attriċi għalhekk ġie sottolineat li fiċ-ċirkustanzi, la darba l-bejgħ lil terzi baqa' ma seħħx, m'għandu jitnaqqas ebda ammont ieħor mill-valur tal-vettura, għajr għall-ammont ta' €275 li kien diġa' tħallas mill-konvenuta[10];

---

[4] Affidavit ta' Mark Mussett a fol 49a u affidavit ta' Tyson Grech a fol 50
[5] Fol 12 et seq
[6] Fol 49
[7] Fol 61
[8] Fol 49
[9] Fol 64
[10] Fol 108

8. Il-vettura in kwistjoni hija preżentament reġistrata fuq Christian Borg personalment[11];

9. Il-konvenuta Charlene Victoria Mula xehdet li[12] qabel ma ffirmat il-ftehim imsemmi hija kienet marret għal *test drive* ta' madwar kwarta flimkien ma' kuġinuha. Ma nnutat ebda ħsejjes fil-karozza u ddeċidiet li tixtriha. Hija tinsisti li l-prezz miftiehem kien ta' €6,400. Rappreżentant tas-soċjeta' attriċi qralha l-kuntratt u spjegalha fil-qosor x'fih u x'ma fihx u hi ffirmat. Telqu bil-karozza hi u kuġinuha u bdiet tisma ħoss, qisu ta' platti jinkisru, liema ħoss hi semgħetu jkompli jżid fil-ġranet sussegwenti meta saqitha. Meta ħadet il-vettura għand il-mechanic indikat mis-soċjeta' attriċi dan qalilha li l-brejkijiet kienu telqu. Minkejja li dawn ġew mibdulin, malli telqet mingħandu bdiet tisma ħoss ieħor u reġgħet ħadithielu u din id-darba qalilha li l-boldijiet kienu maħlulin. Minn hemm baqgħet sejra ħdejn ħuha Joseph li għandu idea tajba tal-karozzi u x'ħin fetaħ il-bonnet huwa nnota li din kienet qalgħet daqqa kbira fuq quddiem (qabel ma kienet għandha) u kienet kollha *hard metal* li jibda minn naħa tal-bieba tas-sewwieq sa quddiem. Reġgħet ikkuntatjat lis-soċjeta' attriċi u r-rappreżentanta qaltilha li dan ma kienx minnu. Ukoll, il-konvenuta staqsiet dwar l-assikurazzjoni tal-karozza u minkejja li kkuntattjat lis-soċjetajiet assikurattivi ndikati mis-soċjeta' attriċi, dawn qalulha li ma kellhomx dik il-vettura nxurjata magħhom. Lanqas kopja tal-log book ma ntbagħtitilha minkejja li ġie mwiegħed lilha permezz ta' email. Il-konvenuta marret tiċċekkja dwar id-drittijiet tagħha mal-Uffiċċju tal-Konsumatur, fittxet parir legali u anke għamlet rapporti għand il-pulizija[13]. Tgħid ukoll li bis-saħħa tal-intervent tal-pulizija intlaħaq ftehim biex fit-22 ta' Ġunju tinżel l-għassa bil-karozza għal ħabta ta' 5pm biex tirritornaha

[11] Fol 64
[12] Fol 68 et seq u fol 102 et seq
[13] Rapport tal-Pulizija esebit a fol 76 et seq

lis-soċjeta' attriċi u hi tirċievi lura l-flus li kienet ħallset. Ħadd mis-soċjeta' attriċi ma tfaċċa dakinhar. L-għada pero' l-vettura nġabret mis-soċjeta' attriċi. Il-konvenuta xehdet ukoll li hija kkomunikat mas-soċjeta' attriċi u qaltilhom li kienet disposta ttihom lura ċ-ċwievet tal-vettura basta jtuha flusha lura imma baqgħet ma rċeviet xejn. **<u>Il-konvenuta kkonfermat li hija qatt ma bdiet proċeduri biex tittermina l-ftehim tal-25 t'April 2018;</u> (sottolinear u enfasi tal-Qorti)**

10. Xehed Joseph Portelli, kuġin tal-konvenuta[14] li ma ftakarx id-diskors li sar dwar il-prezz tal-vettura pero' kkonferma li qabel l-iffirmar tal-ftehim lill-konvenuta ***"tawha l-karti, bdiet taqrahom[15]".*** Huwa ma semax ħsejjes fil-vettura waqt it-test drive. Il-konvenuta qaltlu li meta wara li xtratha bdiet issuq il-vettura semgħet xi ħsejjes u wara li ċemplet minn fejn xtratha bdew jibgħatuha mingħand mechanic għal ieħor u mbagħad ma jafx aktar x'ġara ħlief li qaltlu li l-vettura kienet inġabret mis-soċjeta' attriċi;

11. Xehed ukoll Joseph Mula, ħu l-konvenuta[16] u qal li meta ra l-vettura xi jumejn wara li oħtu xtratha, din kellha ħafna *hard metal* fuq quddiem li juri li din kienet milquta. L-aktar li dejqu mhux il-kundizzjoni tal-vettura bħala sewqan imma li fil-fehma tiegħu karozza milquta mhux suppost tinbiegħ. Huwa l-karozza saqha darba. Fil-fehma tiegħu l-vettura bħala sewqan *"ma kinitx ħażin ħażin, imma ma kinitx hundred percent[17]".* Semma primarjament l-isteering li kien jaqbad jitriegħed.

**Ikkunsidrat:**

---

[14] Fol 81 et seq
[15] Fol 86
[16] Fol 89 et seq
[17] Fol 95

**Fl-ewwel żewġ talbiet** is-soċjeta' attriċi qed titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta kisret l-kuntratt tal-25 t'April 2018 bejn il-partijiet kif ukoll li tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt imsemmi il-konvenuta iddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura mertu tal-kawża.

Il-Qorti se tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet -

1. Huwa paċifiku fl-ewwel lok li n-natura tan-negozju li sar bejn il-partijet, li huwa wkoll manifest u dikjarat fil-ftehim imsemmi, huwa dak ta' *hire and purchase*. Ingħad hekk in materja fil-każ **Hili Investments Limited vs Percius Car Hire Limited deċiż fl-10 ta' Marzu 2011 -**

*"F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel referenza ghad-definizzjoni ta' "hire purchase agreement" moghtija fil-kawza "Bonnet vs Azzopardi" (deciza fit-28 ta' Gunju 1922), kif kwotata fis-sentenza "Regina vs Miller" (deciza fit-30 ta' Mejju 2002):*

*"In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid tal-oggett jitrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess tal-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta' tal-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid tal-oggett u l-proprjeta' tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat."*

*(.......)*

*Hire purchase system, kif spjegat il-Qorti fil-kawza "Abela vs Attard" (deciza fit-12 ta' Frar 1957), aktar jixbah lill-bejgh "pactum riservati dominii".*

*"fil-vendita' bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta' tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jivverifika ruhu, jew jghaddi dak iz-zmien, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita' ohra mill-parti tal-kontraenti, jew ta' xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta'.*

*Fil-hire purchase system kif komunement applikata f'dawn il-Gzejjer, il-proprjeta' tghaddi malli jithallas il-prezz minghajr xi tip ta' espressjoni ta' volonta'. Huwa effettivament bejgh "by instalments".*

2. Il-mertu tal-kawża huwa mibni fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-ftehim tal-2018 intitolat *Default, Termination and Withdrawal* primarjament dawn il-klawsoli:

*"7.1.Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law the parties agree that in case of:*

*7.1.1. Default in the punctual payment of any three (3) instalments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*

*7.1.2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer;*

*the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges*

*that may have incurred and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*

*7.2. The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after the possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any changes, fees and interest accrued.*

*7.2.1. The Hirer irrevocably authorizes the Owner to retrieve the physical possession of the Motor Vehicle and to do all that is necessary to change the registration of the Motor Vehicle onto the name of the Owner if the Hirer does not comply with the request to return possession of the Motor Vehicle to the Owner within five (5) calendar days.*

*7.2.2. The parties agree that if the Hirer refuses or otherwise impedes the physical retrieval of the Motor Vehicle by the Owner as explained in the foregoing sub-clause, the Hirer shall be liable to pay the Owner a daily penalty of twenty-five Euro (€25) which shall run from the sixth (6th) calendar day following the day of demand in accordance with clause 7.2. These penalties shall be without prejudice to the Owner's rights in accordance with the foregoing sub-clauses."*

3. Minn dan jirriżulta li l-ftehim tal-partijiet kien li jekk il-konvenuta tkun moruża fi tlett pagamenti, is-soċjeta` attriċi kellha dritt titlob il-ħlas tal-bilanċ sħiħ b'mod immedjat. Fil-każ odjern irriżulta ampjament mill-provi li l-konvenuta Charlene Victoria Mula għamlet pagament wieħed biss ta' €275 nhar l-iffirmar tal-ftehim fil-25 t'April 2018 u sussegwentement m'għamlet ebda pagament ieħor. B'hekk il-konvenuta kisret l-obbligi tagħha skont il-ftehim imsemmi u ddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu tal-bilanċ tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-vettura;

4. Il-ftehim ikompli li jekk il-konvenuta, meta nterpellata biex tħallas il-bilanċ f'daqqa, ma tottemprax ruħa fi żmien 30 jum, allura l-ftehim jiġi terminat *ipso jure* u s-soċjeta` attriċi tkun intitolata li titlob lill-konvenuta biex tirritorna l-pussess tal-vettura, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal xi talba għad-danni. Inoltre, ġie maqbul ukoll fl-istess ftehim illi s-soċjeta` attriċi jkollha d-dritt titlob id-differenza bejn il-bilanċ dovut u l-prezz li l-vettura tiġi eventwalment mibjugħa bih;

5. Fil-każ odjern irriżulta mill-provi li peress li l-konvenuta, minkejja li kienet interpellata biex tħallas il-bilanċ f'daqqa fuq il-vettura, baqgħet m'għamlitx dan, liema ftehim in kwistjoni ġie meqjus terminat ipso jure u effettivament is-soċjeta' attriċi ħadet lura l-vettura f'Ġunju 2018, liema vettura għadha ma nbiegħetx u tinsab fil-pussess tal-istess soċjeta' attriċi;

6. **Fl-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuta** hija tallega li –

i. jeżistu numru ta' irregolaritajiet fl-iskrittura minnha ffirmata b'nuqqas ta' *buona fede* fil-konfront tagħha u dan bi ksur tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta);

ii. il-ftehim tal-25 t'April 2018 huwa nvalidu fil-fatt u fid-dritt stante kienet nieqsa l-intenzjoni komuni in kwantu is-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak illi kellhom fi ħsiebijiethom il-partijiet;

iii. bi ksur tal-prinċipju tal-*buona fede,* fl-ebda okkazjoni qatt ma' ġie spjegat lilha, dikjarat lilha, u/jew b'xi mod moqri lilha, il-kontenut tal-ftehim iffirmat minnha b'dana li kontra l-volonta' tagħha hija giet ingannata f'dak li inkonsapevolment ffirmat ghalih u għalhekk is-soċjeta' attriċi aġixxiet bi ksur tal-Kap 16 u tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. B'rabta ma' dawn l-eċċezzjonijiet il-Qorti tosserva li –

i. Il-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward l-obbligi kuntrattwali jesiġi hekk:

**Artikolu 992**

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi."*

**Artikolu 993**

*"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għallkonsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."*

**Artikolu 1002**

"Meta l-kliem ta` konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni."

**Artikolu 1003**

*"Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fiħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet."*

8. Ingħad hekk minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil et deċiż fil-15 ta' Lulju 2019 -**

*"Fis-sentenza li tat fl-14 ta` Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Vella noe et vs Joseph Abela noe et**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk :*

*Meta l-kliem tal-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi ... Però fl-applikazzjoni tar-regoli ta` interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta` kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod. Jekk ghall-gudikant id-dicitura uzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku hu dan is-sens illi ghandu jfisser il-volontà espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht ezami. Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu.*

*L-istess linja hadet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza li tat fl-20 ta` Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Gemma Fenech vs. John Bugeja** fejn irriteniet illi :-*

*Tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu illi hu pacifiku f`materja ta` interpretazzjoni ta` kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt tkun wahda cara allura ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x`kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan kif jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16.*

*Fis-sentenza li tat fis-7 ta` Dicembru 2005 fil-kawza fl-ismijiet* ***Daniela Debattista noe vs JK Properties Ltd*** *il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) osservat hekk dwar il-bona fides :*

*Kif saput, hu principju maghruf illi fl-izvolgiment tat-trattattivi hu mistenni li l-partijiet igibu ruhhom bil-bwona fede. Dan f` kull fazi tal-kuntatt instawrat anterjorment ghall-possibilita` tal-konkluzjoni tal-ftehim, anke permezz ta` konvenju. Din il-bwona fede trid tigi intiza f` sens oggettiv bhala regola ta` kondotta li l-partijiet iridu josservaw, ukoll fl-ambitu tal-fazi pre-konvenju. Hekk kien doveruz illi s-socjeta` konvenuta ggib ghall-attenzjoni ta` latturi l-informazzjoni shiha dwar x`kellu jkun il-kontenut tal-konvenju, jew billi tipprovdi kopja tieghu jew xort` ohra tipprovdi dawk l-elementi necessarji biex il-kontroparti tifforma idea ahjar tal-kundizzjonijiet u termini tieghu.*

*Fis-sentenza li tat fil-11 ta` Ottubru 2006 fil-kawza fl-ismijiet* ***Anthony Baldacchino noe vs Ic-Chairman tal-Korporazzjoni EneMalta et****, din il-Qorti diversament presjeduta rrimarkat :-*

*Innegabilment, il-metru ta` dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b` adozzjoni, post xieraq anke fl-istajdi anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt. Hekk bil-metru ta` dan l-istess principju l-parti li tghid li ssubiet dannu tista` ggib `il quddiem prova ta` mgieba soggettiva ta` malafede fil-kontroparti jew anke prova ta` kondotta merament kolpuza fejn dik il-kontroparti tkun, bla motiv gust, naqset b` tali mod li twassal biex teludi laspettattivi ta` l-offerent fejn dan ikun ippresta fidi, blofferta tieghu, fuq il-konkluzjoni tal-kuntratt.*

*Fis-sentenza li tat fid-9 ta` Lulju 2008 fil-kawza fl-ismijiet* ***Gatt et vs Portelli*** *il-Qorti ta` l-Appell osservat :*

*il-bwona fede, oggettivament konsiderata, tenukleja l-kriterju ta` valutazzjoni ta` mgieba determinata u, aktar minn hekk, isservi ta` strument ta` kontroll tar-ragonevolezza, o meno, tal-pretensjoni. F`sens wiesgha, kif anke dimostrat minn certi disposizzjonijiet fil-Kodici Civili taghna (ara, ad ezempju, Artikolu 993), ir-rilevanza taghha hi dik tas-solidarjeta` socjali li timponi fuq kull parti f`rapport kontrattwali d-dmir li jagixxi b`mod li jippreserva l-interessi tal-kontraenti l-iehor ....*

*Il-`bwona fede` ma ghandhiex biss valur merament teoriku. Din, anzi, ghandha, f`sens oggettiv, tkun intiza bhala regola komportamentali ta` ragonevolezza u, fuq kollox, ta` lealta u ta` korrettezza. B`mod generali tikkostitwixxi principju etiku guridiku fl-ezercizzju tad-drittijiet. Hekk kif ezemplarment espress fl-Artikolu 2 tal- Kodici Civili Svizzeru, "kull wiehed fl-ezercizzju tad-drittijiet proprji u fl-adempiment ta` l-obbligazzjonijiet tieghu ghandu jgib ruhu bil-bwona fede".*

*Espress f`dawn it-termini l-principju tal-bwona fede jimponi limitu fl-ezercizzju tad-drittijiet. Dan kemm ghaliex ghall-pretendent tad-dritt f`rapport ma` haddiehor il-bwona fede tirraprezenta l-metru ta` mgieba, kif ukoll hi kejl siewi ta` valutazzjoni mill-gudikant."*

9. Il-konvenuta ma tagħti ebda ħjiel dwar liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap 378 li allegatament ġew vjolati fil-konfront tagħha. Mill-provi mressqa minnha l-Qorti tifhem li hija qed tinvoka l-artikoli 44 et seq tat-taqsima VII tal-Att intitolata *Klawżoli mhux ġusti f'kuntratti;*

10. Il-konvenuta tilmenta hekk[18] –

*"Avukat - .....Ngħid sew li inti qrajtu dan il-kuntratt?*

[18] Fol 103 et seq

*Xhud – le qrawh huma għalija.*

*(……)*

*Avukat: mela iġifieri meta inti ffirmajt kull paġna tal-kuntratt ma kontx taf x'int qed tiffirma?*

*Xhud: Le hu just qalli briefly x'għandu l-kuntratt u m'għandux ġo fih il-kuntratt u jien aċċettajt għal dak il-kliem li qal hu għax jiena ma qrajtux il-kuntratt. Dak iż-żmien kont bin-nuċċali u ma stajtx naqra għax ma kellix nuċċali fuqi.*

*Avukat – igifieri inti qed tghid li ma qrajt xejn mill-kuntratt*

*Xhud – le plus li l-kuntratt jien koppja ma kellix igifieri ma stajtx naqrah wara*

*Avukat – pero ffirmajtu xorta. Naqblu li qbilt u ffirmajt il-kuntratt xorta*

*Xhud – ezatt ghax l-affarijiet li qalli hu bil-kliem jiena qbilt bil-kliem ma dak li qalli hu*

*Qorti – u llum dak li qallek bil-kliem huwa differenti milli qallek fil-kuntratt*

*Xhud – ezatt*

*Qorti – allura x'qallek bil-kliem ha nifhem jien*

*Xhud – bil-kliem kien qalli li jien il-karozza ha nixtriha u nhallasha fuq medja ta' hames snin, il-karozza tiswa sitt elef u sitt mija pero wara li jiena ffirmajt u kollox*

*telgha imghax ta' ghaxart elef u sitt mija , wara tlett ijiem qed nitkellmu ghax kelli l-problemi bil-karozza u mort niccekja l-affarijiet x'ghandha l-karozza. Hemmhekk sirt naf li jiena ha nispicca nhallas sittax-il elf u sitt mija."*

*Qorti – sekonda hu pacenzja biha ghax forsi ma fhimtekx jien. il-karozza xrtajtha versu l-kapital somma ta' sitt elef u xi haga . naqblu?*

*Xhud – ezatt sitt elef u sitt mija*

*Qorti – u fejn tela dan l-imghax ta ghaxar t'elef?*

*Xhud – mela meta mort jiena biex naghti il-kumplament tal-insurance, ghax inti thallas il-licenzja u l-insurance tajjeb, x'hin jien mort naghmel il-kumplament tal-insurance l-ghada qalli li rrid inhallas sittax-il elf, sorry ghaxart elef u sitt mija ghax mija fil-mija imghax u l-persuna li qaltli kienet Marylin ghax sadanittant ma nafx min hu l-owner."*

11. Fl-isfond tal-liġijiet u l-ġurisprudenza ċitati, l-Qorti ma tikkondividix mat-teżi tal-konvenuta li kien hemm xi ksur tal-Kap 16 u/jew tal-Kap 378. Il-ftehim tal-25 t'April 2018 hi ffirmatu liberament u volontarjament mingħajr ħadd ma sfurzaha. Jekk hi kellha xi dubji, jew riedet taqrah personalment (minflok ma jaqrahula ħaddieħor) setgħet għażlet li ma tiffirmahx dakinhar. Mhux minnu għalhekk li hi ffirmat il-ftehim kontra l-volonta' tagħha. Oltre dan kuginuha Portelli xehed li l-konvenuta qrat il-karti, għalhekk il-kuntratt, meta ġie f'idejha qabel ma ffirmatu;

12. Inoltre, mhijiex kredibbli x-xhieda tagħha meta tgħid li l-prezz miftiehem kien mod u mbagħad wara l-iffirmar tal-kuntratt skopriet li kellha tħallas €10,600 imgħax. Apparti l-fatt li fl-affidavit semmiet iċ-ċifra allegatament miftiehma ta'

€6,400 filwaqt li fix-xhieda viva voce qalet li ċ-ċifra kienet €6,600, ma jistax ikun li hi "skopriet" bis-somma ta' €16,500 wara li ffirmat il-kuntratt stante li din is-somma kienet indikata bl-aktar mod ċar fl-ewwel paġna tal-kuntratt minnha ffirmat –

*"2. PRICE AND PAYMENT*

*2.1 In consideration of this agreement, the Hirer undertakes to pay the Owner, who accepts, the sum €16,500 being the price of the Motor Vehicle...."*

13. Mhux minnu għalhekk li l-konvenuta ġiet ingannata f'dak li ffirmat għalih kif allegat minnha;

14. Apparti dan, anke jekk ma ngħatatx kopja tal-kuntratt minnha ffirmat, dan ma jnaqqas xejn mill-validita' tiegħu għax l-obbligu tal-konvenuta kien li tagħmel l-aċċertamenti tagħha qabel u mhux wara li tiffirma;

15. Il-konveuta tilmenta wkoll dwar problemi marbuta mal-assikurazzjoni tal-vettura u l-log book tal-vettura. Jiġi rilevat fl-ewwel lok li strettament, ai termini tal-artikolu 3.1 tal-kuntratt, kien jispetta lill-konvenuta li tieħu ħsieb tottjeni polza tal-assikurazzjoni fuq il-vettura u li tgħaddi kopja tal-istess lis-soċjeta` attriċi. Jidher pero' li, għal raġuni mhux magħrufa, l-partijiet ftehmu mod ieħor kif jidher mill-irċevuta tal-ħlas ta' €365 li saret fil-25 t'April 2018 lis-soċjeta' attriċi mingħand il-konvenuta għall-assikurazzjoni tal-vettura. Wieħed jista' jifhem il-frustrazzjoni tal-konvenuta li, minn dak li qalet, ma bdietx ssib biżżejjed sostenn mis-soċjeta' attriċi b'rabta ma' dawn l-ilmenti. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li għall-fini tal-kawża odjerna, dawn l-ilmenti ma jiġġustifikawx l-aġir tagħha li tonqos milli tonora l-obbligi assunti minnha fil-ftehim in kwistjoni;

16. Issir referenza wkoll għall-ilmenti tal-konvenuta b'rabta mal-kwalita' u l-prestazzjoni tal-vettura. Il-konvenuta naqset milli tissostanzja l-allegazzjoni tagħha (eż b'ritratti) li l-vettura kien fiha ħafna *hard metal* u kwindi li kienet milquta qabel. Hija naqset ukoll milli tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li l-vettura in kwistjoni sa minn ftit wara l-akkwist bdiet tagħmel ċertu ħsejjes. Ma tressqux jixhdu l-*mechanics* li eżaminaw il-vettura u lanqas inġebet prova li l-vettura ma kinitx *road worthy*. **Di piu', kif ammess mill-konvenuta stess, hija ma ħaditx passi bil-Qorti biex tannulla l-ftehim tal-25 t'April 2018 għax il-vettura ma kienitx dik tal-kwalita' pattwita jew għal xi raġuni valida oħra. Kwindi l-Qorti għandha biss quddiemha l-ftehim tal-25 t'April 2018 li hija tqis validu u allura miegħu se timxi. Kienet din it-triq li tista' biss tgħin lil konvenuta fl-ilmenti minnha avanzati per via di eċezzioni, azzjoni ad hoc.**

17. Għar-raġunijiet susesposti, l-Qorti ma ssibx li hemm ksur tal-Kap 16 u tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta għax la rriżultaw irregolaritajiet fil-ftehim tal-25 t'April 2018 u lanqas intwera li l-intenzjonijiet tal-partijiet kienu diversi minn dak miktub fih. Ma ġietx pruvata lanqas nuqqas ta' buona fede b'rabta mal-kuntratt. Kwindi ma hemm ebda ostaklu legali sabiex jintlaqgħu l-ewwel żewġ talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Għaldaqstant l-ewwel żewġ talbiet tas-soċjeta' attriċi ser jintlaqgħu filwaqt li ser jiġu miċħuda l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-konvenuta.**

**Fit-tielet talba fir-rikors promotur** is-soċjeta' attriċi qed titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' €16,375. Pero' **fin-Nota ta' Sottomissjonijiet s-soċjeta' attriċi ppreċiżat li l-pretensjoni tagħha hija għas-somma totali ta' €16,225** u dan wara li tnaqqset is-somma ta' €275 (l-uniku pagament li għamlet il-konvenuta) mill-prezz ta' €16,500 tal-vettura. Il-Qorti ser timxi għalhekk fuq iċ-ċifra ta' €16,225. Del resto, l-ispejjeż tat-towing

li s-soċjeta' attriċi kienet qed tinkludi fiċ-ċifra oriġinali ta €16,375 qatt ma nġiebet prova dokumentarja tagħhom.

**Fir-raba' talba** s-soċjeta' attriċi titlob lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta biex tħallasha tali somma.

**Fil-ħames talba** s-soċjeta' attriċi qed titlob dikjarazzjoni li hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura Kia Picanto biċ-Chassis number MALBA51CMDM505013 targata LQZ 623;

**Fis-sitt talba** s-soċjeta' attriċi qed titlob lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuta biex fiż-żmien qasir u perentorju tikkonsenja kull ċavetta illi għandha tal-vettura mertu tal-kawża.

Minn naħa tagħha **fir-raba' eċċezzjoni** l-konvenuta tirribatti għandhom jiġu miċħuda t-talbiet tas-soċjeta' attriċi anke għax illum il-ġurnata l-vettura in kwistjoni tinsab fil-pussess tas-soċjeta' attriċi.

Kif issemma aktar 'il fuq, il-Qorti tirreferi għall-għażliet li kellha s-soċjeta' attriċi ai termini tal-artikolu 7 ġjaladarba l-konvenuta ma kinitx ottemprat ruħha mat-termini tal-kuntratt fil-ħlasijiet mensili dovuti minnha u ċioe' li –

- titlob immedjatament il-ħlas tal-bilanċ rimanenti dovut flimkien mal-interessi sad-data tal-pagament effettiv u spejjeż oħra dovuti; u
- jekk tali ħlas appena msemmi ma jsirx fi żmien 30 jum minn meta jkun mitlub, is-soċjeta' attriċi ikollha d-dritt titlob lura l-vettura kif ukoll titlob id-differenza fil-prezz bejn il-bilanċ dovut u l-prezz li bih terġa' tinbiegħ il-vettura.

Fiċ-ċirkustanzi għalhekk, **it-tielet u r-raba' talba tas-soċjeta' attriċi** għall-ħlas tal-bilanċ meta hija ħadet lura l-pussess tal-vettura in kwistjoni mingħajr ma' din għadha nbiegħet lil terzi, **għandhom jintlaqgħu biss limitatament**. **Dan fis-sens illi l-Qorti sejra tordna l-bejgħ tal-vettura taħt l-awtorita' tagħha u tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-differenza bejn is-somma mitluba u r-rikavat mill-bejgħ tal-vettura mertu ta' din il-kawża.**

Issir referenza għall-każ simili għal dak odjern fl-ismijiet **No Deposit Cars Malta Limited vs Kevin Alexander Rothig** deċiż fil-31 t'Ottubru 2019 (u llum huwa res judicata) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk –

*"Skond il-ftehim ta' bejn il-partijiet una volta l-konvenut huwa moruz fil-hlasijiet mensili, is-socjeta' attrici ghandha dritt titlob il-hlas tal-bilanc kollu kif ukoll li tiehu pussess tal-vettura sabiex tinbiegh u r-rikavat jitnaqqas mill-bilanc dovut.*

*Jirrizulta wkoll li l-vettura gia' tinsab fil-pussess tas-socjeta' attrici.*

*Jehtieg ghalhekk illi l-vettura tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti."*

Fil-każ **No Deposit Cars Malta Limited vs Liviu Alexandru Maxim deċiż fis-17 ta' Mejju 2021** *kompla jingħad hekk* -

*"Il-fatt illi l-vettura giet konsenjata lura lis-socjeta` attrici li ghadha tinsab fil-pussess tal-vettura sal-lum9 - liema pussess del resto, kellha kull dritt li tiksbu fin-nuqqas ta' hlas bis-sahha tal-applikazzjoni tal-klawsola 7.2. u 7.2.1 tal-ftehim - ifisser illi s-socjeta` attrici akkwistat ukoll il-jedd "to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and*

*the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any charges or fees and interest accrued."*

*Ghalhekk, filwaqt li l-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta` attrici ghandha jedd, minhabba l-morozita` tal-konvenuta fil-hlas tar-ripagamenti mensili ai termini tal-klawsola 7.1 tal-ftehim, ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura, madanakollu, dan il-bilanc, b'applikazzjoni tal-klawsola 7.2 tal-ftehim, ghandu jitfisser bhala d-differenza bejn il-bilanc kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura u l-prezz rikavat mill-bejgh tal-vettura lil terzi. Il-Qorti tqis illi s-socjeta` attrici, galadarba giet reintegrata fil-pussess tal-vettura li taghha hija wara kollox is-sid licenzjat10 , ghandha jedd ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz mhux imhallas, wara li jitnaqqas minn dan il-bilanc il-valur tal-vettura u mhux tal-bilanc kollu dovut u ghandha timxi skont dak li gie pattwit fil-klawsola 7.2 billi l-ewwel tinbiegh il-vettura u mbaghad ikun dovut lilha minghand il-konvenut dak l-ammont li jifdal wara li jitnaqqas ir-rikavat minn dan il-bejgh.*

*Dan qed jinghad mhux biss ghaliex din hija l-interpretazzjoni korretta tal-klawsoli relevanti tal-ftehim ta' hire-purchase, izda wkoll ghaliex galadarba jirrizulta illi l-vettura giet ritornata lis-socjeta` attrici u tinsab fil-pussess taghha, jekk tintlaqa' t-talba taghha ghall-hlas tal-bilanc kollu dovut fuq il-prezz tal-vettura, kif del resto minnha mitlub f'dawn il-proceduri, hija tkun qieghda evidentement tarrekkixxi ruuha indebitament a skapitu tal-konvenut u l-Qorti trid tara li dan ma jsirx……*

*Jehtieg ghalhekk illi l-vettura tinbiegh taht l-awtorita' tal-Qorti sabiex is-socjeta` attrici tithallas id-differenza bejn il-bilanc tal-prezz mhux imhallas skont il-ftehim, cioe` s-somma ta' hdax-il elf mija u tletin Euro (€11,130) u r-rikavat mill-bejgh tal-vettura. Wara kollox, din il-Qorti bhala l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghandha s-setgha, skont l-Artikolu 213 tal-Kapitolu 12 illi f'kaz li ma tiġix*

*ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor, għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, hija tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors."*

**Raġġunti dawn il-konklużjonijiet, ser jintlaqgħu il-ħames u s-sitt talba kif dedotti.**
**Għall-istess raġunijiet sejri jiġu miċħuda l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;**

**2. Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara li l-konvenuta kisret il-kuntratt ta' *hire and purchase* bejn il-partijiet datat 25 t'April 2018;**

**3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt imsemmi l-konvenuta iddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu tal-bilanċ tal-prezz dovut fuq il-bejgħ tal-Vettura Kia Picanto bic-Chassis number MALBA51CMDM505013 targata LQZ 623;**

**4. Tilqa' limitatament kif ġej it-tielet u r-raba' talba tas-soċjeta' attriċi u ċioe' billi tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' sittax -il elf mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€16,225) b'dana illi tordna qabel xejn il-bejgh immedjat tal-vettura targata LQZ 623 Kia Picanto bic-Chassis number MALBA51CMDM505013 taħt l-awtorita` tal-Qorti u billi tikkundanna lill-konvenuta Charlene Victoria Mula tħallas lis-soċjeta` attriċi, l-ammont rappreżentanti d-differenza bejn is-somma ta'**

**sittax -il elf mitejn u ħamsa u għoxrin Ewro (€16,225) u r-rikavat mill-bejgħ tal-imsemmija vettura kif appena ordnat;**

**5. Tilqa' l-ħames talba u tiddikjara illi s-soċjeta' attriċi hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura Kia Picanto bic-Chassis number MALBA51CMDM505013 targata LQZ 623;**

**6. Tilqa' s-sitt talba u tordna lill-konvenuta sabiex fi żmien seba' (7) t'ijiem tikkonsenja lis-soċjeta' attriċi kull ċavetta illi għandha tal-vettura Kia Picanto bic-Chassis number MALBA51CMDM505013 targata LQZ 623;**

**7. L-ispejjeż kollha jkunu a karigu tal-konvenuta flimkien mal-imgħaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum sad-data tal-ħlas effettiv.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**